

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

9791/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0170(BUD)

---

---

FIN 596  
SOC 331

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9582/22 (COM(2022) 248 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Greċja (EGF/2021/008 EL/Attica electrical equipment manufacturing)

---

1. Fit-30 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 13/2022<sup>1</sup>.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont totali ta' EUR 1.5 miljun skont il-FEG bi tweġiba għall-applikazzjoni mill-Greċja biex wara sensji f'sitt intrapriżi li joperaw fis-settur tal-manifattura tat-tagħmir elettriku fir-reġjun tal-Attika, il-Fond jintuża sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-206 benefiċjarju kkonċernati, skont ir-Regolament (UE) 2021/691<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 9583/22.

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2022 u seta' japprovaha.
  4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 9792/22.
-